# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu 2021**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 346/2021 FDP**

Fl-ismijiet

**Bridget Theuma (ID 345167M)**
**Janica Theuma (ID 457193M)**
**Keiston Theuma (ID 544988M)**

**Vs**

**Arthur Saliba (ID 208464M)**
**Mary Diane Saliba (ID 5968M)**
**Mirayn Marie Saliba (ID 495991M)**
**Corinne Ann Saliba (ID 123298M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat il-Mandat ta' Inibizzjoni ippreżentat fil-5 ta' Marzu 2021, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu illi, sabiex jiġu kkawtelati d-drittijiet tagħhom l-Qorti għandha tordna l-ħrug ta' mandat ta' inibizzjoni għar-raġunijet segwenti:

   *Illi l-esponenti, sabiex jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom jixtiequ jżommu lill-intimati jew min minnhom, milli :*

*(i) tiftaħ aperturi/twieqi li jagħtu fuq il-propjeta' ta' l-esponenti, preċiżament il-bitħa ta' wara u l-btieħi interni.*

*(ii) Tisporġi bil-bini b'mod li tinvadi l-arja ta' l-esponenti preċiżament gallariji li jinvadu l-arja tal-frontgarden tar-rikorrenti.*

*(ili) Tikkomunika mal-katusi eżistenti tad-drenaġġ u ta' l-ilma tax-xita li jservu l-propjeta tar-rikorrenti ossija l-fond 'Mabri' Triq Anthony Valletta, s-Swatar, Birkirkara.*

*ILLI l-esponenti huma titolari tal-fond bl-isem 'Mabri' Triq Anthony Valletta, s-Swatar Birkirkara kif jirriżulta mill-kuntratti annessi - wieħed in atti tan-Nutar Dr Sarah Scerri datat 25 ta' April 2019 u l-ieħor in atti tan-Nutar Dr. Joseph Spiteri datat 12 ta' Novembru 1986 (Dok A u Dok B). Dana kif immarkat fuq ir-ritratt anness Dok C imberfel bil-kulur isfar.*

*ILLI l-intimati huma titolari tal-fond sovrapost ossija l-fond bin-numru wieħed (1) bl-isem Arthiane fi Triq Anthony Valletta, s-Swatar, Birkirkara.*

*ILLI jirriżulta mill-istess ritratt li quddiem il-bini mat-triq hemm front garden reċintata propjeta' esklussiva tar-rikorrenti.*

*ILLI bil-kostruzzjoni proposta jirriżulta li l-intimati, kif ukoll konfermat mir-rapport peritali hawn anness Dok P:*

*(i) Ser joħoloqu servitujiet ġodda li jaggravaw il-propjeta' ta' l-esponenti konsistenti li twieqi li jagħtu direttament fuq il-bitħa retroposta u x-shaft intern tal-propjeta' tar-rikorrenti.*

*(ii) Ser jisporġu bil-bini b' mod li jinvadu l-arja tal-front garden ta' l-esponenti peress li ser jitkabbru l-gallariji eżistenti u jiżdiedu oħrajn ġodda.*

*(iii) Ser jiġi komunikati mas-sistemi eżistenti tad-drenaġġ u ilma tax-xita is-sistemi tal-fondi prospettati li jinbnew.*

*ILLI dana l-preġudizzju li ser issofru r-rikorrenti ma jistax jiġi evitat, ħlief billi l-intimati jiġu inibiti milli:*

*(i) jiftħu aperturi/twieqi li jagħtu fuq il-propjeta' ta' l-esponenti preċiżament il-bitħa retroposta w ix-shaftijiet interni.*

*(ii) Jisporġu bil-bini b'mod li jinvadu l-arja ta' l-esponenti preċiżament bit-tkabbir u kostruzzjoni ta' gallarji fuq il-front garden propjeta esklussiva ta' l-esponenti.*

*(iii) jikkomunikaw mas-sistemi eżistenti tad-drenaġġ u ilma tax-xita li jservi l-fond 'Mabri' Triq Anthony Valletta, s-Swatar, Birkirkara is-sistemi tal-fondi prospettati li jinbnew.*

*Dana fuq l-arja tal-fond li qed tinbena, ossija dak sovrapost għall-propjeta' ta' l-esponenti bl-isem 'Mabri' Triq Anthony Valletta, s-Swatar, Birkirkara.*

*GĦALDAQSTANT ir-rikorrenti jissottomettu bir-rispett, illi għandhom prima facie dritt x'jissalvagwardjaw kontra l-intimati.*

2. Rat illi fil-5 ta' Marzu 2020, il-Qorti laqgħet il-Mandat ta' Inibizzjoni provviżorjament filwaqt illi ordnat in-notifika lill-intimat b'għaxart ijiem għar-risposta w appuntat il-Mandat għat-trattazzjoni finali għat-22 ta' Marzu 2021.

3. Rat illi l-intimati ppreżentaw ir-risposta tagħhom fil-11 ta' Marzu, fejn qajjmu s-segwenti difiżi:

   *Illi t-talbiet rikorrenti sabiex dan il-mandat ta' inibizzjoni jintlaqa' definittivament għandhom ikunu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti għas-segwenti raġunijiet:*

   1. *Illi fl-ewwet lok, minkejja illi dan huwa mandat ta' inibizzjoni u din l-Onorabbli Qorti trid tissindika jekk hemm raġuni biex il-mandat jintlaqa' jew le sal-livell tal-prima facie, irid l-ewwel u qabel kollox jirriżulta illi ir-rikorrenti huma fil-fatt is-sidien tal-arja tal-parapett illi qed jgħidu li huma proprjetarji u li bil-gallariji ser ikollhom invażjoni fl-arja tagħhom. Mill-kuntratt ta' akkwist tar-rikorrenti, il-parapett ma jissemma' mkien u kwindi ma hemmx ċertezza li il-parapett huwa proprjeta tar-rikorrenti.*

   2. *Illi fit-tieni lok, fuq in-naħa ta' wara tal-proprjeta, mhux qed ikunu maħluqa l-ebda prospetti u servitujiet ġodda u dan billi s-sulari l-ġodda, inkluża l-penthouse, ser ikunu rtirati 'l ġewwa b'dan illi l-esponenti mhux ser ikunu jistgħu jittawlu għal fuq il-proprjeta tar-rikorrenti.*

   3. *Illi fit-tielet lok, u bla preġudizzju għal-eċċezzjoni numru 1, fil-faċċata tal-binja, l-gallariji li nbnew u li ser jinbnew, mhux ser ikun qed jinvadu l-ebda arja li ma hijiex tal-istess esponenti billi dawn il-gallariji huma tal-istess daqs u għamla tal-gallarija li diġa' hemm sporġuta 'l barra proprjeta tal-esponenti u li kwindi, l-unika arja li ser tkun invaża hija dik tal-istess esponenti.*

   4. *Illi fir-raba' lok u bla preġudizzju għas-suespost, huwa paċifiku li t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni issir biex twaqqaf sinistru milli jseħħ jew jkompli jseħħ u jippreġudika irrimedjabbilment id-drittijiet tar-rikorrent. F'dan il-każ ma hemmx dan l-element rikjest biex jinħareġ il-mandat ta' inibizzjoni b'mod definittiv u dan stante illi fit-talba tar-rikorrenti stess hemm indikat li sempliċi kumpens ikun rimedju suffiċjenti għall-binja tal-esponenti. Jekk jintlaqa' dan il-*

*mandat b'mod definittiv, ikunu l-esponenti li jkunu preġudikati irrimedjabbilment u dan billi ma jkunux jistgħu jgawdu l-proprjeta tagħhom sal-massimu, bil-konsegwenza li jkollhom jagħmlu azzjoni għad-danni kontra l-istess rikorrenti. Ġialadarba kienu r-rikorrenti stess li ndikaw permezz tar-rapport peritali tagħhom anness mal-mandat li kumpens ikun suffiċjenti, dan il-mandat m'għandux ikun milqugħ, billi jidher prima facie li l-azzjoni li kellhom jagħmlu ir-rikorrenti kellha tkun għal-likwidazzjoni u riżarċiment tal-kumpens għal kwalsijasi servitu ġdida li tista’ tiġi maħluqa, jekk ikun il-każ u mhux li jiġu mwaqqfa milli jibnu l-proprjeta tagħhom.*

5. *Illi fil-ħames lok il-binja oriġinali kienet tikkonsisti f’duplex maisonette sovrastanti l-propjeta tar-rikorrenti, bil-konsegwenza illi l-esponenti kellhom il-bejt jagħti għal fuq il-bitħa ta' fuq wara tal-proprjeta tar-rikorrenti u kwindi fil-livell fejn illum hemm mibni diġa’ t-tieni sular, diġa’ kellhom dritt ta' prospett fuq il-bitħa. Madanakollu fl-iżvilupp odjern, it-tieni sular u l-penthouse huma rtirati ‘l ġewwa kif jidher fl-anness rapport peritali mmarkat DOK CS1. Bl-istess mod il-penthouse hija rtirata 'l ġewwa u kwindi ma hemm l-ebda dritt ta' prospett ġdid kif qed jivvantaw ir-rikorrenti;*

6. *Illi fis-sitt lok għal dak li jirrigwardja l-konnessjonijiet tad-drenaġġ, l-esponent ser ikunu qed jikkonnettu mal-komunikazzjonijiet eżistenti u mhux joħolqu oħrajn ġodda u kwindi mhux qed ikunu jiggravaw il-fond sottostanti b'servitujiet ġodda imma sempliċiment l-esponenti qed jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jikkonnettu mad-drenaġġ eżistenti.*

7. *Illi fl-aħħar lok, dan il-mandat m'għandux jintlaqa’ u billi l-kostruzzjoni tat-tieni sular hija diġa’ kompluta u jonqos biss il-kostruzzjoni tal-penthouse li fin-natura tagħha hija rtirata 'l ġewwa u mhux ser tkun qed toħloq l-ebda servitu ġdida. Għalhekk ma għadx hemm użu u bżonn għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni billi dak li r-rikorrenti jridu jinibixxu lill-esponenti diġa’ seħħ.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu sabiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġunijiet su esposti, ma tilqgħax b'mod definittiv il-mandat ta' Inibizzjoni numru 346/2021 fl-ismijiet Theuma Bridgette, Janica Theuma u Kriston Theuma -vs- Arthur Saliba, Mary Diane Saliba, Mirayn Marie Saliba u Corinne Anne Saliba u kwindi tiċħad il-ħruġ tal-istess mandat ta’ Inibizzjoni taħt dawk il-ordnijiet li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

4. Rat illi, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 199A tal-Kap 12, wara direzzjoni tal-Prim’ Imħallef biex il-Qrati jillimitaw l-preżenza ta’ nies fil-bini tal-Qorti biex nikkontjenu t-tixrid tal-Covid 19, il-Qorti ordnat illi l-partijiet w il-konsulenti legali tagħhom jattendu għas-seduta li saret fil-Qorti stess, b’mod virtwali.

5. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrenti b’mod elettroniku seduta stante, ossija pjanta maħruġa mill-Perit ta’ l-intimati l-Perit Philip Micallef.

6. Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet, wara liema trattazzjoni il-Mandat tħalla għal deċiżjoni finali għal-lum.

## Konsiderazzjonjiet legali

7. Jirriżulta illi, a tenur ta’ l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni huwa dak illi jżomm persuna jew entita’ milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista’ tkun ta’ preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

8. Jirriżulta ukoll illi, a tenur ta’ l-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12, il-Qorti m’għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

9. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet magħmula minn dina l-Qorti, diversament ppresjeduta, fil-Mandat ta’ Inibizzjoni Nru 1710/16 LM fl-ismijiet “**Mary Grace D’Amato vs Raymond Micallef et**” deċiż fis-16 ta’ Diċembru 2016, fejn, dwar l-elementi rikjesti għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni, għamlet is-segwenti osservazzjonijiet eruditi:

> *Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni:*
>
> *(1) <u>ikun sejjer isir xi att li jista’ jkun ta’ preġudizzju ta’ xi jedd tar-rikorrenti</u>: il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, l-hekk imsejjaħ periculum in mora.*
>
> *(2) <u>iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd</u>: tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-Artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta’ preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta’ preġudizzju rikjest bħala bażi ta’ akkordar ta’ ħruġ ta’ mandat, hu preġudizzju “li ma jkun jista’ jiġi irrimedjat”. Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista’ jitneħħa, imqar b’deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ, il-mertu jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.*
>
> *Apparti minn dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta’ telf pekunjarju ċioè telf ta’ qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet* ***Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara et*** *deċiża fit-13 ta’ Mejju, 2014, per Onor. Imħallef J.R.Micallef:*

> *"Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi".*

*(3) <u>ikun jidher prima facie li r-rikorrent għandu dak il-jedd</u>: il-liġi tħares il-jedd prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd prima facie, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 1988 fil-kawża* ***Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré*** *(Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:*

> *"... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."*

*Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.*

*Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

*Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:*

*(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Ara* **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici** *mogħti fil-25 ta' Jannar, 2005 per Imħallef Joseph R. Micallef :*

> *"il-ħarsien li l-liġi qiegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas iffisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."*

*(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqgħax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din." Ara* **Avukat Dr John Gauci vs. Direttur tal-Kuntratti***, Prim' Awla, 18 ta' Lulju, 2008.*

*(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.*

## Fatti

10. Jirriżulta illi r-rikorrenti huma propretarji ta' terran ossija 'Mabri', Triq Anthony Valletta, Swatar, Birkirkara, liema propjeta huwa sottopost għall-proprjeta ta' l-intimati, ossija 'Arthiane', Triq Anthony Valletta, Swatar , Birkirkara.

11. Jirriżulta illi l-intimati, ġia' propretarji tal-fond sovrastanti dak tar-rikorrenti, illi kien maisonette fuq sular, ottjenew permess sabiex jibnu tlett sulari oħra fuq il-proprjeta tagħhom.

12. Jirriżulta illi, riżultat ta' tali permess, l-intimati bdew xogħolijiet ta' kostruzzjoni, liema xogħolijiet jaf illi ser jikkreaw drittijiet u servitujiet ġodda fuq il-proprjeta tar-rikorrent, kif ukoll jutilizza s-servizzi tad-drenaġġ ġia eżistenti.

13. Jirriżulta li, riżultat ta' tali xogħolijiet u drittijiet ġodda, r-rikorrenti ħassew illi kellhom jippreżentaw il-proċeduri oderni biex iħarsu d-drittijiet tagħhom u jżommu lill-intimati milli jkomlpu jaggravaw is-sitwazzjoni fil-konfront tagħhom.

14. L-intimati, da parte tagħhom, jikkontendu illi x-xogħolijiet minnhom intiżi, ġia' saru filwaqt illi ma kinux ser jaggravaw fuq il-proprjeta tar-rikorrenti u jikkreaw drittijiet ġodda, u għalhekk il-Mandat ma setax jinħareġ.

15. L-intimati jikkontendu wkoll illi la darba r-rikorrenti, permezz tal-perit tagħhom, jindikaw li kumpens huwa dovut, allura ma kellhom qatt jipproponu l-azzjoni odjerna fil-konfront tagħhom, liema azzjoni qiegħda tirreka dannu lilhom stante illi x-xogħol twaqqaf meta wasslu fil-bini tal-penthouse.

16. Il-Qorti tosserva illi, mill-assjem tal-provi prodotti u fuq bażi prima facie, jidher illi r-rikorrenti għandhom kull dritt illi jitolbu li jipprotegu d-drittijiet tagħhom billi jwaqqfu lill-intimati sabiex ikomplu jagħmlu xogħolijiet oħra, stante illi jidher li tali xogħolijiet jafu jikkreaw servitujiet ġodda u jaggravaw mas-servitujiet ġia' eżistenti b'dannu irreparabbli għar-rikorrent.

17. Għalhekk il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex ma għandhiex tikkonferma d-digriet tagħha tal-5 ta' Marzu 2021 u tilqa' t-talba għal-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif mitlub.

**Deċiżjoni finali**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti ppreżentati quddiemha u s-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, u wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet fuq premessi;

Tiddeċiedi t-talba magħmula fil-5 ta' Marzu 2021 billi:

**Tilqa'** definittivament it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif redatt.

Spejjeż tal-proċeduri odjerni jkunu a kariku ta' l-intimati.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**